

# L-AKKADEMJA



# TA'

# L-ANGLI




RAKKONT MIKTUB MINN JARED DEES.

migjub ghall-malti min gf

# KAPITLU 1

# IX-XARABANK



I r-roti tax-xarabank ta’ l-Akkademja ta’ l-Angli werzqu ma’ l-art hekk kif il-vettura waqfet hesrem. Il- bieb taghha nfetah berah biex jilqa’ anglu b’xaghru sewda . L-anglu waqaf u deher li ma jafx ser jaghmel. Hares lura lejn il-kor ta’ l-angli li kien ser ihalli warajh. Kienet l-ewwel gurnata tieghu fl-Akkademja ta’ l-Angli u bil-kemm ried jemmen dak li kien qed isehh.

Dejjem kellu x-xewqa li jkun parti mill-armata ta’ l-angli ta’ l-Arkanglu Mikiel. Imma Alla kellu pjan differenti ghalih u gie maghzul biex ikun anglu kustodju. U dan jekk jghaddi mill-kors u l-ezami.

Ha nifs ‘l gewwa u dahal ‘l gewwa fix-xarabank. Seta’ jara li l-postijiet kienu kollha mimlija b’par angli fuq kull bank. Biss induna li kien hemm bank wiehed biss b’post vojt ghalih. Donnu kien qed jistennieh!

“Haffef, mur go postok,” qallu l-anglu sewwieq filwaqt li ghalaq il-bieb tax-xarabank. “Ma ghandniex il-jum kollu hawn. Fit-triq hawn hafna traffiku u rrid nasal fil-hin.”

“OK, OK,” wiegbu l-anglu b’xaghru sewda.

Hekk kif kien miexi lejn il-post vojt jixxengel ‘l hemm u ‘l hawn minhabba l-giri tax-xarabank li ried jilhaq fil-hin, irrealizza li kien hemm anglu zghir u ecitat bilqieghda ma’ gemb it-tieqa. Kellha xagharha kollu nokkli u bjonda hafna.

“Nista’ noqghod bilqieghda hdejk, hawn?” qalila l-anglu ta’ xaghru sewda filwaqt li wrieha l-post vojt.

L-anglu l-bjond daret lejh u qaltlu kwazi twerzaq: “Da zgur. Poggi, poggi.”

Stendiet idejh biex tintroduci ruhha, “Jisimi Simchael, imma tista’ issejahli Sim. U inti x’jismek?”

“Chashakiel,” wegibha l-anglu ta’ xaghru sewda filwaqt li hadilha b’idha.

“Ghandi pjacir. Nista’ insejjahlek Chaz? Kemm inhossni xxurtjata. Thossok ecitat? Jiena nqis dan il-jum bhala l-aktar jum fortunat ta’ hajti. Anqas nista’ nemmen li qed nghix. U anqas irrid nemmen li ser inkun anglu kustodju. Bilhaqq nista’ insejjahlek Chaz?”

“Jekk jirnexxilna nghaddu mill-kors u l-ezamijiet. Mhux hekk?” qalilha Chaz.

“U mela le. Ara oqghod mieghi u nghinu lil xulxin. Ili nhejji ruhu ghal dan sa minn mindu Alla halaqni. Kont mahluq biex inkun anglu kustodju. U anke inti tafx! Ghalhekk ahna fuq din ix-xarabank.”

Sim ghaqqdet idha flimkien u qalet: “ Chaz ma nistghax nistenna aktar dak il-mument li nkun afdata bi bniedem biex niehu hsiebu.”

“U ejja. Tghidlix li offendejtek jew hadt ghalik. Laqam sabieh hafna Chaz,” qaltlu Sim.

“ Bl-akbar serjeta’ nippreferi……..” Imma anqas lahaq spicca is-sentenza li ma dawwarx id-diskors ghaliex dak li ra tassew imppressjonah. “ Rajtu dak il-bini?” esklama Chaz.

Sim dawret rasha f’daqqa. “Hemm ara dak il-bieb,” qalilha Chaz. Iz-zewg angli raw ghal l-ewwel darba id-dhul sabieh u eleganti ta’ l-Akkademja ta’ l-Angli fejn dawn l-ispirti jmorru jitghallmu biex isiru angli kustodji.

“Fl-ahhar wasalna” qalet Sim.